Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,539, 14 ta' Novembru, 1997
Taqsima B

A.L. 179 ta' l-1997

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1997 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1997 dwar il-Kors għall-Grad ta' *Doctor of Laws* – LL.D.

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 31u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu ir-Regolamenti ta' l-1997 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1997 dwar il-Kors għall-Grad ta' *Doctor of Laws* - LL.D. u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-regolamenti ta' l-1997 dwar il-Kors għall-Grad ta' *Doctor of Laws* - LL.D. – li minn hawn 'l quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 1997 jew wara.

Żieda tas-sotto-paragrafu (3) mar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

3. Għandu jiżdied is-sotto-paragrafu (3) li ġej wara s-sotto-paragrafu 4 (2) tar-regolamenti prinċipali:

(3) Kandidati bil-grad ta' B.A. (Legal and Humanistic Studies) li ma jkollhomx ir-rekwiżiti neċessarji biex jirreġistraw għall-kors skond it-termini tar-Regolament 4 (1), kif ukoll kandidati li jkollhom grad ieħor fil-liġi barra mill-B.A. (Legal and Humanistic Studies) li jkun ikkonsidrat mill-Bord bħala ta' livell ekwivalenti, jistgħu jitħallew mill-Bord jirreġistraw għal sena ta' studji ta' kwalifika li fi tmiem tagħha huma jkunu mitluba jagħmlu eżamijiet finali fis-suġġetti tal-Liġi li jkunu studjaw matul is-sena ta' kwalifika. Dawn il-kandidati jsiru eliġibbli biex jidħlu fil-kors li jwassal għall-grad ta' *Doctor of Laws* jekk jgħaddu mill-eżamijiet finali u jġibu medja ta' Grad C f'dawn l-eżamijiet.

Żieda tar-regolamenti 13 wara r-regolamenti 12 (3) tar-regolamenti prinċipali

4. Għandu jiżdied ir-regolament 13 li ġej wara r-regolament 12 (3) tar-regolamenti prinċipali:

Dispożizzjoni Transitorja

13. Ir-Regolament 4 (3) għandu japplika għall-kandidati kollha li japplikaw biex jirreġistraw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 1997 jew wara.